Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 242 tal-2021

ATT DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI U L-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI (KAP. 585)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Kummissjoni għall-Protezzjoni mir- Radjazzjoni Jonizzanti u Mhux Jonizzanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 62 tal-Att dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titollu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Kummissjoni għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Jonizzanti u Mhux Jonizzanti.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

Kap. 585.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Jonizzanti u Mhux Jonizzanti.

Personalità ġuridika tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Jonizzanti u Mhux Jonizzanti.

3. Il-Kummissjoni hija korp magħqud li jkollha personalità ġuridika u distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt l-Att.

Eżenzjoni mir-responsabbiltà.

4. Il-membri, l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kummissjoni, fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt l-Att jew taħt kull liġi oħra amministrata mill-Kummissjoni, ma jkunu responsabbli għal ebda telf jew ħsara mġarrba minn xi persuna minħabba f'xi ħaġa magħmula, jew ommessa milli ssir, bonafidi, fl-amministrazzjoni tal-Att jew ta' xi liġi oħra.